# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta  12 ta' Gunju 2001**

**Avviz.  numru 241/01**

**Numru 39**

**Gutenberg Press Limited**

**vs**

**Arnold Sultana**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmien mija tnejn u sittin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm862.40,0) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' xoghol u servizzi ta' stampar rezi lill-konvenut mis-socjeta attrici kif ukoll l-imghaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv hekk kif jidhru fil-prospett mmarkat bhala "Dok A".

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Marzu 2001 (Dok B) kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti markati Dok A u Dok B  a fol 2 u 3 tal-atti kif ukoll in-nota tas-socjeta' attrici, tat-30 ta' Mejju 2001 (fol 10 tal-atti) u li biha s-sorte gie ridott ghas-somma ta' Lm462.40,0 stante pagament akkont ta' Lm400 fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm462.40,0 bl-imghax legali mit-28 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inluzi dawk tal-ittra legali tal-ewwel (1) ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg